

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

C 43  
Volum 60  
10 ta' Frar 2017

Werdej

## Informazzjoni u Avviżi

### II Komunikazzjonijiet

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 43/01	Irtirar ta' notifika ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8283 — General Electric Company/LM Wind Power Holding) (1)	1
--------------	---	---

### IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 43/02	Rata tal-kambju tal-euro	2
--------------	--------------------------	---

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2017/C 43/03	Proċeduri ta' stralċ — Deċiżjoni biex jinbdew proċeduri ta' stralċ fir-rigward ta' Enterprise Insurance Company plc (Pubblikazzjoni magħmula skont l-Artikolu 280 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negożju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibilità II))	3
--------------	---	---

MT

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

V Avviżi

PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2017/C 43/04	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.7936 — Petrol/Geoplín) (¹)	4
--------------	--	---

ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2017/C 43/05	Avviż lill-impriżi li biħsiebhom jimportaw jew jesportaw sustanzi kkontrollati li jnaqqsu s-saff tal-ożonu lejn jew mill-Unjoni Ewropea fl-2018 u lill-impriżi li fl-2018 biħsiebhom jiproduċu jew jimportaw dawn is-sustanzi għal użi essenzjali fil-laboratorju u analitiċi	5
--------------	---	---

---

(¹) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

## II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊI  
U AĞENZJJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Irtiar ta' notifika ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8283 — General Electric Company/LM Wind Power Holding)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 43/01)

(Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004)

Fil-11 ta' Jannar 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta bejn General Electric Company u LM Wind Power Holding A/S. Fit-2 ta' Frar 2017, il-parti(jet) notifikanti infurmaw lill-Kummissjoni li hi/huma kienet/ kienu qed tirtira/jirtiraw in-notifika.

## IV

(Informazzjoni)

**INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA**

**Rata tal-kambju tal-euro<sup>(1)</sup>**

**Id-9 ta' Frar 2017**

(2017/C 43/02)

**1 euro =**

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,0692	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4016
JPY	Yen Ġappuniż	120,04	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,2952
DKK	Krona Daniża	7,4347	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,4803
GBP	Lira Sterlina	0,85090	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5125
SEK	Krona Żvediża	9,4835	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 223,18
CHF	Frank Żvizzeru	1,0672	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	14,3380
ISK	Krona Iżlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,3413
NOK	Krona Norveġiża	8,8860	HRK	Kuna Kroata	7,4695
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	14 172,25
CZK	Krona Ċeka	27,021	MYR	Ringgit Malażjan	4,7462
HUF	Forint Ungeriż	308,75	PHP	Peso Filippin	53,369
PLN	Zloty Pollakk	4,3096	RUB	Rouble Russu	62,8730
RON	Leu Rumen	4,4945	THB	Baht Tajlandiż	37,433
TRY	Lira Turka	3,9486	BRL	Real Brażiljan	3,3329
AUD	Dollaru Awstraljan	1,3965	MXN	Peso Messikan	21,8579
			INR	Rupi Indjan	71,3600

<sup>(1)</sup> Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

## INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

### Proċeduri ta' stralċ

#### Deċiżjoni biex jinbdew proċeduri ta' stralċ fir-rigward ta' Enterprise Insurance Company plc

*(Pubblikazzjoni magħmula skont l-Artikolu 280 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II))*

(2017/C 43/03)

Impriża tal-assigurazzjoni	Enterprise Insurance Company plc Indirizz tal-uffiċċju regiestrat: 6 A Queensway GIBRALTAR
Data, dħul fis-seħħ u natura tad-deċiżjoni	Fis-26 ta' Ottubru 2016, il-Qorti Suprema ta' Ġibiltà ordnat li s-Sur Frederick David John White ta' Grant Thornton (Gibraltar) Limited jinħatar bħala Likwidatur ta' Enterprise Insurance Company plc.  Dħul fis-seħħ: 26 ta' Ottubru 2016
Awtoritajiet kompetenti	Il-Qorti Suprema ta' Ġibiltà Chancery Jurisdiction 277 Main Street GIBRALTAR
Awtorità superviżorja	Financial Services Commission Suite 3, Ground Floor Atlantic Suites Europort Avenue PO Box 940 GIBRALTAR
Likwidatur maħtut	Is-Sur Frederick David John White Grant Thornton (Gibraltar) Limited 6 A Queensway GIBRALTAR  Tel +350 20050150
Liġi applikabbi	Il-Liġi ta' Ġibiltà  L-Att ta' Insolvenza 2011  Ir-Regoli ta' Insolvenza 2014

V

(Avviżi)

## PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

### IL-KUMMISSJONI EWROPEA

#### Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.7936 — Petrol/Geoplín)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 43/04)

1. Fit-3 ta' Frar 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹) li permezz tagħha Petrol d.d., Ljubljana (“Petrol”, is-Slovenja) tikkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll uniku ta' Geoplín d.o.o. Ljubljana (“Geoplín”, is-Slovenja) permezz ta' akkwist ta' iż-żiha.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Petrol hija attiva fis-settur tal-enerġija. In-negożju tal-kumpanija huwa l-beiġħ bl-imnut u bl-ingrossa ta' prodotti petrolifiċi, il-beiġħ ta' prodotti kummerċjali u tal-gass naturali. Hijha tipprovd kemm elettriċità u kemm gass naturali ill-konsumaturi finali;
- Geoplín hija attiva fis-settur tal-enerġija b'enfasi fuq il-gass naturali. Il-kumpanija twettaq l-attivitajiet relatati mal-provvida, il-kummerċ u servizzi relatati fis-suq tal-gass naturali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jinbagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.7936 — Petrol/Geoplín, fl-indirizz li ġej:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

## ATTI OĦRAJN

### IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Avviż lill-impriżi li biħsiebhom jimportaw jew jesportaw sustanzi kkontrollati li jnaqqsu s-saff tal-ożonu lejn jew mill-Unjoni Ewropea fl-2018 u lill-impriżi li fl-2018 biħsiebhom jiproduċu jew jimportaw dawn is-sustanzi għal użi essenzjali fil-laboratorju u analitiċi**

(2017/C 43/05)

1. Dan l-Avviż huwa indirizzat lill-impriżi li huma kkonċernati mir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (<sup>(1)</sup>) (ir-Regolament) u li fl-2018 biħsiebhom:

- (a) **jimportaw jew jesportaw** lejn jew mill-Unjoni Ewropea s-sustanzi elenkti fl-Anness I tar-Regolament, jew
- (b) jiproduċu jew jimportaw dawn is-sustanzi **għal użi essenzjali fil-laboratorju u analitiċi**.

2. Huma kkonċernati l-gruppi ta' sustanzi li ġejjin:

Grupp I: CFC 11, 12, 113, 114 jew 115

Grupp II: CFCs oħrajn kompletament aloġenati

Grupp III: alon 1211, 1301 jew 2402

Grupp IV: tetraklorur tal-karbonju

Grupp V: 1,1,1 trikloroetan

Grupp VI: bromur tal-metil

Grupp VII: idrobromofluworokarburi

Grupp VIII: idroklorofluworokarburi

Grupp IX: bromoklorometan

3. Kull importazzjoni jew esportazzjoni ta' sustanzi kkontrollati (<sup>(2)</sup>) teħtieġ liċenzja maħruġa mill-Kummissjoni, għajr fkażżejjiet ta' proċedura ta' tranżitu, ta' ħażna temporanja, ta' ħażna doganali jew ta' proċedura ta' żona libera kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 450/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jistabbi-líxxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi Doganali Modernizzat) (<sup>(3)</sup>), li ma ddumx iktar minn 45 jum. Kull produzzjoni ta' sustanzi kkontrollati għal użi essenzjali fil-laboratorju u analitiċi teħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel.

4. Barra minn hekk, l-attivitajiet li ġejjin huma soġġetti għal limiti kwantitattivi:

- (a) Il-produzzjoni u l-importazzjoni għal użi fil-laboratorju u għal użi analitiċi,
- (b) L-importazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni Ewropea għal użi kritiċi (aloni),
- (c) L-importazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni Ewropea għall-użu bħala materja prima,
- (d) L-importazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni Ewropea għal użi bħala aġenti tal-ipproċessar.

<sup>(1)</sup> ĠU L 286, 31.10.2009, p. 1.

<sup>(2)</sup> Għandu jiġi mnot li huma permessi biss l-importazzjoni jew l-esportazzjoni eżentati mill-projbizzjoni ġenerali dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni skont l-Artikoli 15 u 17.

<sup>(3)</sup> ĠU L 145, 4.6.2008, p. 1.

Il-Kummissjoni talloka kwoti għal a), b), c) u d). Il-kwoti huma stabbiliti fuq il-bażi tal-applikazzjonijiet tal-kwoti u:

- skont l-Artikolu 10(6) tar-Regolament u skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 537/2011 tal-1 ta' Ġunju 2011 dwar il-mekkaniżmu għall-allokazzjoni tal-kwantitatijiet ta' sustanzi kkontrollati li jistgħu jintużaw fil-laboratorji u għal skopijiet ta' analiżi fl-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi li jnaqqusu s-saff tal-ożonu (¹) għall-każ (a) ta' hawn fuq
- skont l-Artikolu 16 tar-Regolament għall-każijiet (b), (c) u (d) ta' hawn fuq.

#### **Għall-aktivitajiet elenkti fil-paragrafu 4**

5. Kull impriża li fl-2018 tixtieq timporta jew tiproduċi sustanzi kkontrollati għal użi essenzjali fil-laboratorju u analitiċi, jew li tixtieq timporta sustanzi kkontrollati għal użi kritiċi (aloni), għall-użu bħala materja prima, jew għal użi bħala aġenti tal-ipproċessar għandha ssegwi l-proċedura spiegata fil-paragrafi 6 sa 9.
6. L-impriża, li għadha ma rreġistratx fis-Sistema għall-Ħruġ tal-Liċenzji tal-ODS (<https://webgate.ec.europa.eu/ods2>) għandha tagħmel dan qabel **l-10 ta' Mejju 2017**.
7. L-impriża għandha tlesti u tippreżenta l-formola ta' applikazzjoni għall-kwota li hija disponibbli online fis-Sistema għall-Ħruġ tal-Liċenzji tal-ODS mill-**10 ta' Mejju 2017**.

- Il-formola ta' applikazzjoni għall-kwota se tkun disponibbli online fis-Sistema għall-Ħruġ tal-Liċenzji tal-ODS mill-**10 ta' Mejju 2017**.
8. Il-formoli ta' applikazzjoni għall-kwota mimlija kif suppost u mingħajr żbalji li jaslu sad-**9 ta' Ġunju 2017** biss jitqiesu validi mill-Kummissjoni.

L-impriża huma mħeġġa jissottomettu l-formoli tagħhom ta' applikazzjoni għall-kwota kemm jista' jkun malajr u jħallu biżżejjed żmien qabel id-data tal-iskadenza sabiex ikunu jistgħu jsiru l-korrezzjonijiet u s-sottomissionijiet mill-ġdid li jista' jkun hemm bżonn qabel id-data tal-iskadenza.

9. Is-sottomissjoni ta' formola ta' applikazzjoni għall-kwota weħidha ma tagħti l-ebda dritt ta' importazzjoni jew ta' produzzjoni ta' sustanzi kkontrollati għal użi essenzjali fil-laboratorju u analitiċi, jew ta' importazzjoni ta' sustanzi kkontrollati għal użi kritiċi (aloni), għall-użu bħala materja prima, jew għal użi bħala aġenti tal-ipproċessar. Qabel ma sseħħi importazzjoni jew produzzjoni ta' dan it-tip fl-2018, l-impriża għandhom jaġplikaw għal-liċenzja billi jużaw il-formola ta' applikazzjoni għal-liċenzja billi jużaw il-formola ta' applikazzjoni għal-liċenzja, li hija disponibbli online fis-Sistema għall-Ħruġ tal-Liċenzji tal-ODS.

#### **Għall-importazzjoni għal użi oħra għajr dawk elenkti fil-paragrafu 4 u għall-esportazzjoni**

10. Kull impriża li fl-2018 tkun tixtieq tesporta s-sustanzi kkontrollati jew timporta s-sustanzi kkontrollati għal użi oħra għajr dawk elenkti fil-paragrafu 4 għandha ssegwi l-proċedura spiegata fil-paragrafi 11 u 12.
11. L-impriża, li għadha ma rreġistratx fis-Sistema għall-Ħruġ tal-Liċenzji tal-ODS, għandha tagħmel dan mill-iktar fis-possibbli.
12. Qabel ma ssir importazzjoni għal użi oħra għajr dawk elenkti fil-paragrafu 4 jew qabel ma sseħħi esportazzjoni fl-2018, l-impriża għandhom jaġplikaw għal-liċenzja billi jużaw il-formola ta' applikazzjoni għal-liċenzja disponibbli online fis-Sistema għall-Ħruġ tal-Liċenzji tal-ODS.

---

(¹) ĠU L 147, 2.6.2011, p. 4.







ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

MT